**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR181399** **20.06.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia pparteċipa f'numru ta' sessjonijiet organizzati mill-Assoċċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth (CPA) b'kollaborazzjoni ma' *Westminster Foundation for Democracy* (WFD) bil-għan li jkunu aġġornati numru ta' rakkomandazzjonijiet li jgħinu kemm biex jissaħħaħ kif ukoll biex jitkejjel il-livell tad-demokrazija parlamentari ġo pajjiż. Għal dawn id-diskussjonijiet, li saru f'Winton Park, West Sussex, l-Ingilterra bejn it-18 u l-20 ta' Ġunju 2018, attendew numru ta' Speakers u uffiċjali mill-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi tal-Commonwealth. L-Ispeaker Farrugia flimkien mal-iskrivan tal-Kamra kienu qed jattendu fuq stedina li saritilhom mis-Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth, is-Sur Akbar Khan.

Il-bżonn għall-aġġornament tar-rakkomandazzjonijiet, li oriġinarjament tfasslu 12-il sena ilu mis-CPA, inħass wara li ttieħed kont tal-bidliet li saru f'numru ta' oqsma, kemm dawk politiċi, soċjali u mhux b'inqas teknoloġiċi, u f'dan ir-rigward ġie nnutat kemm allura huwa importanti li l-Parlament illum jagħti każ ta' dawn l-iżviluppi sabiex jibqa' relevanti u effettiv bħala istituzzjoni leġiżlattiva.

Fost il-materji li ġew trattati kien hemm dawk konnessi ma' kwistjonijiet tal-ġeneru, partikolarment f'dik li hija rappreżentanza femminili fil-Parlament. Ir-rakkomandazzjonijiet indirizzaw ukoll sfidi li rajna jevolvu fis-snin riċenti partikolarment fil-qasam tal-informatika u l-komunikazzjoni u dan anke biex iż-żgħażagħ jiġu mħajra dejjem iżjed jipparteċipaw fil-proċess leġiżlattiv ta' demokrazija parlamentari effettiva. Id-delegazzjoni Maltija kkontribwixxiet fir-rigward ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw id-dritt tal-kumitati li jisimgħu xhieda waqt li jkunu qed jikkonsidraw materji li jaqgħu taħthom u dwar l-awtonomija amministrattiva tal-Parlament. L-Ispeaker Farrugia rrimarka wkoll li numru ta' rakkomandazzjonijiet diġà jiffurmaw parti mil-korp leġiżlattiv ta' Malta.

Id-dokument finali għandu issa jifforma parti mill-*Commonwealth Partnership for Democracy programme* liema programm kien approvat mill-laqgħa tal-Kapijiet tal-Gvernijiet tal-Commonwealth (CHOGM) li saret dan l-aħħar f'Londra.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**